**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Gunju 2024**

**Rikors nru : 163 /2024 AGV**

**SC**

**vs**

**EG FE**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta'  SC ;**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewġu id-disgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (29.07.2011), u ghandhom żewġt ulied minuri, MEGE  li twieldet fil-5 ta' Lulju tas-sena 2012, u M I G E, li twieled fid-19 ta' Frar tas-sena 2014 (ara kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**);
2. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata 14 ta' Diċembru 2023 (ara kopja tas-sentenza u taċ-ċertifikat li ma ġietx appellata hawn annessa u mmarkata bħala **Dok B**);
3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi huma ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2018, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi skont l-imsemmija sentenza mogħtija minn din il-Qorti, l-esponenti tiddikjara illi hija m'hiex obligata li tħallas ebda manteniment lill-intimat, iżda huwa l-intimat li huwa obbligat iħallas manteniment għaliha u għall-minuri, kif ukoll li jrid iħallas somma sostanzjali ta' arretrati ta' manteniment. Għahekk, l-esponenti, li hija l-persuna li qed titlob id-divorzju, m'hijiex qed tonqos mill-obbligi tagħha li tħallas manteniment **(ara Dok. Ċ)**;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B u 66D(2) tal-Kodiċi Ċivili;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet.

**U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-intimat, debitament notifikat, naqas milli jippresenta risposta.

Rat li, ghalhekk, setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar id- 29 ta' Lulju 2011**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**